MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## KATJA PSAILA SAVONA

Seduta tad-29 ta' Mejju, 2014

Talba Numru. 526/2013

**Mobisle Communications Limited (C-24655)**

**Vs**

**Matthew Farrugia (K.I. 179085M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-socjeta' attrici ppremmettiet illi l-konvenut ghandu jhallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' disgha mija u tlieta u ghoxrin ewro u tmintax-il centezmu (€923.18), in konnessjoni ma' servizz ta' telefonija cellulari 79311484 (AC50721984), liema servizzi gew ikkuntrattati permezz ta' kuntratt datat 29 ta' Jannar, 2010.

Illi nterpellat sabiex jghaddi ghal hlas, il-konvenut baqa' nadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza; bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-ittra ufficjali 331/13, u bl-imghaxijiet mit-13 ta' Frar, 2013, data tal-imsemmija ittra ufficjali.

It-Tribunal ra d-dokumenti mehmuza mal-Avviz:

Dok A – Prospett- AC50721984

Dok B – Kuntratti datati 29 ta' Jannar, 2010

Dok C – Ittra Ufficjali 331/13

Dok D – Estratt Registru Elettorali

Ra mill-atti li l-konvenut baqa'ma pprezentax risposta ghalkemm debitament notifikat u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra li gie prezentat kapitolu fl-14 ta' Mejju, 2014 mill-Avukat Keith Grech u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Illi t-Tribunal jidhirlu li l-konvenut naqas milli jipprova l-kaz tieghu quddiem dan it-Tribunal.

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici fl-ammont ta' disgha mija u tlieta u ghoxrin ewro u tmintax-il centezmu (€923.18) u dan bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-ittra ufficcjali sal-pagament effettiv.

# < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------